MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 178/2009

**Gaetano Cutrona (ID 11086A) u martu Maria Dolores Cutrona (ID 18270M), kif ukoll Antonio Cutrona ghal kull interess li jista' jkollu**

**Vs**

**Elettro Cavi K fil-persuna taghha Santi Rossello (IVA Numru 01298060870)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talbu sabiex is-socjeta' intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkudannata li thallas lill-istess rikorrenti is-somma ta' €11,645 rapprezentanti import ta' hames cheques li gew imhollia mal-kumpanija konvenuta sabiex jithallas id-dejn tas-socjeta' Italkris Malta Limited u li fil-fatt ma ntuzawx ghalhekk u nzammu ndebitament mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data rispettiva ta' kull cheque kontra s-socjeta' konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat it-traduzzjoni fil-lingwa taljana tal-istess rikors (fol 2 ibid).

Rat ir-risposta ta' Santi Rossello (fol 9 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nulli stante li l-konvenut qieghed jeccepixxi *res judicata* ghaliex kien hemm sentenza precedenti tal-Qorti Taljana, 'Tribunale di Catania – Sezione Distaccata de Bepasso' liema sentenza hija hawnhekk annessa bhala Dok A, datata 17 ta' Dicembru 2008, li giet rikonoxxuta u ddikajrata nfurzabli mill-Prim Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Imhallef Abiail Lofaro, permezz ta' digriet datat 11 ta' Marzu 2009, liema digriet huwa anness bhala Dok B. Din is-sentenza tittratta dwar l-istess oggetti, l-istess identita ta' din il-kawza kif ukoll essenzjalment l-istess persuni guridiki minhabba l-fatt li f'din il-kawza l-atturi huma d-diretturi jew impjegati tas-socjeta' Italcris Limited li kienet il-konvenuta fil-proceduri civili quddiem l-Qorti Taljana.
2. Illi preliminarjament ukoll din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tiddetermina l-mertu ta' din il-kawza u dan ai termini ta' Article 27 subartikolu 2 ta' Regolarment ta' l-Unjoni Ewropea numru 44/2001 u dan kif amendat minn Regolarment ta' l-Unjoni Ewropea numru 1496/2002 li jistipula: '*Where the jurisdiction of the court first seized is established, any court other than the court first seized shall decline jurisdiction in favour of that court*';
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjes.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess risposta (fol 11 sa fol 23 ibid).

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2009 (fol 28 ibid) minn fejn jidher ili s-socjeta' intimata rtirat l-eccezzjonijiet kollha <u>hlief ghall-ewwel (1) wahda</u>.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward is-sentenza moghtija mit-Tribunal Taljan u msemmija fl-ewwel (1) eccezzjoni, din tinsab a fol 11 et seq tal-istess atti u, kif jidher a fol 23 ibid, giet reza esegwibbli f'Malta permezz ta' digriet moghti fil-11 ta' Marzu 2009. Dwar l-istess sentenza, barranija gew notati l-ewwel nett, l-okkju ossija 'Dr Cedric Mifsud a nom u in rapresentanza ta' Rosello Santi li jezercita l-kummerc bl-isem ta' Elettro Cavi K vs Italcris Malta Ltd (C 45267) u 'fit-tieni lok, skond dejjem l-istess sentenza barranija, is-socjeta' Italcris Malta Ltd' kienet giet kundannata li thallas lis-socjeta' attrici, is-somma involuta bl-ispejjes (ara fol 11 u fol 18 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher evidenti illi l-atturi, fil-kaz in desamina ma kienux involuti bhala <u>partijiet</u>. Difatti fis-sentanza citata jinghad '… I citati assegni erano stati emessi da un terzo soggetto, Cutrona Antonino, estraneo ai rapporti fra le due ditte e non risultava che fossero stati mai incassati e da chi, ne' registrati come pagamenti da parti dell'opponente' (fol 17 ibid). Ara ukoll fol 18 ibid – it-tieni (2) paragrafu).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fid-dawl ta' dak premess, jidher car illi s-sentenza barranija giet deciza bejn iz-zewg ditti msemmija u l-atturi fil-kaz odjern bl-ebda mod ma kienu involuti hlief b'mod indirett kif hemm fuq citat. In vista li ghalhekk fil-kaz in desamina, wahda mill-partijiet ossija l-atturi, kienu <u>estranei</u> ghall-proceduri quddiem il-Qorti barranija, l-eccezzjoni in esami ma tistax tigi akkolta stante li jonqos wiehed mill-element rikjesti sabiex din l-eccezzjoni tista' tigi akkolta cjoe ' l-istess partijiet'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-ewwel (1) eccezzjoni u Tordna li dan il-kaz jitkompla fuq il-meritu u in rigward it-tieni (2) eccezzjoni li kif proposta ma hiex sodisfacjenti skond il-ligi ghax nieqsa minn ragunijiet.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------